**PARROCCA SANTA MARGERITA—SANNAT**
Tel./Fax : 2155 1435. Email: sannatparish@keyworld.net
Website : www.sannatparish.com

**IL-ĦADD, 15.1.12: IT-TIENI ĦADD MATUL IS-SENA.**
Illum iċ-Ċentru tad-Demm fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex ser ikun miftuh għall-kumdita' ta' min jixtieq jagħti d-demm. Il-ħin ser ikun mit-8:30am sas-1:00pm.
Il-pubbliku hu mħeġġeġ biex bi ħġaru jkompli jagħti d-demm. Importanti li kull min jitħajjar jagħmel dan il-ġest tant nobbli jġib miegħu l-Karta tal-Identita'.

**Żjara fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin**
Illum iż-żghazagħ tagħna se jagħmlu żjara fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin. It-Tluq ikun ikun mill-Pjazza tal-knisja fil-11.15a.m.

**IT-TNEJN, 16.1.12: LAQGĦA TAL-IRĠIEL**
**Fis-6.30p.m.** se ssir il-laqgħa ta' talb għall-Irġiel kollha. Din tkun fil-knisja. Nagħmel appell lill-irġiel kollha biex nibdew is-sena flimkien madwar Ġesu' Ewkaristija.

**IT-TLIETA, 17.1.12: LECTIO DIVINA**
**Fis-6.30p.m**. ikun hawn il-laqgha tal-Grupp tal-Kelma ta' Alla (Lectio Divina). Din tkun fid-Dar Parrokkjali,.

**L-ERBGĦA. 18.1.12: DIRIĠENTI TAL-GĦAQDIET**
**Fis-6.30p.m.** se ssir laqgħa għall-Presidenti u r-Responsabbli tal-Għaqdiet Kattoliċi fil-Parroċċa.
Din Se tkun fid-Dar Parrokkajli.

**IL-ĦAMIS, 19.1.12: PARENTS' DAY.**
Illum se jinżamm Jum il-Ġenituri tat-Tfal li jattendu id-Duttrina filgħodu.
Il-ħin se jkun l-istess ħin tad-duttrina fil-post tal-Museum.
Inħeġġu lill-ġenituri kollha biex jikkoperaw mal-Katekisti ta' uliedhom fil-formazzjoni tagħhom.

**IL-ĦADD 22.1.12: JUM L-ART IMQADDSA**
Illum ikun hawn filk-parroċċa il-Patrijiet Frangiskani li jieħdu ħsieb l-postijiet fl-Art imqaddsa u l-gabra li ssir fil-knisja waqt il-quddies tkun ghal din il-missjoni tagħhom fl-Artt Imqaddsa.

**ANNIVERSARJU TAL-ISQOF**
Illum huwa wkoll is-sitt Anniversarju mill-Ordinazzjoni Episkopali tal-E.T. Mons. Mario Grech.
Nirrikmanda ħafna li noffru t-talb tagħna għalih.

**GABRA:**
Il-Ġabra li saret mit-tfal fl-okkażjoni tal-Festa tas-Santa Nfanzja kienet is-somma ta' €70 .
Grazzi lit-tfal li b'qalb ġeneruża jaħsbu fi tfal inqas ixxurtjati minnhom.

## ĠIMGĦA TAL-GĦAQDA TAL-KNEJJES
Minn Nhar l-Erbgħa, 18 ta' Jannar sal-Erbgħa, 25 ta' Jannar fil-Knisja Universali se tinżamm il-Ġimgħa ta' Talb għall-Għaqda tal-Knejjes Insara.
F'dawn il-ġranet fil-knisja se jsir kuljum talb speċjali għal din l-intenzjoni. Nixtieq nagħmel appell lil kulħadd biex fit-talb personali jdaħħal din l-intenzjpni qaddisa.

## KONFERENZA DJOĊESANA DWAR IL-FAMILJA
Nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Jannar 2012 se ssir Konferenza Djoċesana dwar il-Familja organizzata mill-Kummissjoni Djoċesana Familja, bis-suġġett "Familja Soda, Soċjeta' b'saħħitha"
Din se tkun fis-sala ta' Villa Fiorita (fMarsalforn) u l-ħin se jkun bejn il-5.00p.m. u t-8.00p.m.
Kulħadd huwa mistieden jattendi